li minn Birkirkara tagħti għall-Imsida. X'ħin ħallejt id-djar u qbadt it-triq tal-wied, ma ngħoddx ma' kemm-il tnejn iltqajt, id f'id, fuq xi ħajt baxx tas-sejjieħ, itennu bil-ħlewwa kollha l-ġrajja li tiftakar żmien Adam.

U bejni u bejn ruħi għedt: "L-imħabba u ż-żgħożija jisbqu ko'lox! Oħloq kemm trid għodod ta' qirda. Billi? L-imħabba tegħlibhom; u ma jżommha ħadd!"

U donnu li hekk hu.

F'nofs theddid ikraħ ta' ħsara, ta' qirda u ta' mewt bħalma hu dak li aħna fih illum, iż-żgħożija tibqa' trid tgħix u tinħabb; u l-ħajja rasha iebsa tfittex li tibqa' sejra bħal qabel, jekk mhux b'għaġla aktar kbira. (*)

Ġ. Ellul Mercer

RIKARD MIFSUD BONNICI

(1877—1948)

LEHEN IL-MALTI f'Settembru li għadda tilef l-ixjeħ kontributur tiegħu bil-mewt ta' **RIKARD MIFSUD BONNICI**, li ftit jiem qabel mewtu laħaq ħareġ ġabra ta' poeżiji fuq Kristu bl-isem ta' KRISTOLOĠIJA.

Bħal ħafna Mifsud Bonnicijiet oħra, Rikard dejjem kien mitfugħ għall-kitba tal-Malti. Minn żmien ix-Xirka Xemia beda jikteb bil-Malti f'IS-SEBĦ u bħal ħuh Viċenz, li fost il-kitba manuskritta ħalla żieda ta' kliem u tifsir għad-dizzjunarju ta' Falzon li qed inġibu ftit ftit f'din ir-rivista, Rikard kien mixħut għall-ġbir ta' l-idjomi u frażijiet Maltin li dehru sew f'"Leħen il-Malti" kemm f'"Il-Malti". Minn tiegħu l-qarrejja tagħna ġarrbu wkoll is-sempliċità ta' xi novella fuq sfond rustiku bi lwien tabil-ħaqq Maltin.

Mill-kitba axxetika tiegħu nsemmu MISTIKA, maħruġa mill-Għaqda tad-Dutrina, u bħala rumanzier għad 'k Alla jrid insiru nafuh aħjar meta joħroġ ir-rumanz SANTU FORMOSA, li kien wieħed mill-ippremjati fil-konkors imniedi mill-Gvern fl-1935.

Din ir-rivista għandha xi kitba oħra minn tiegħu li ma laħaqx ħareġ u li biż-żmien għad jidħlu f'LEHEN IL-MALTI.

(Id-Direzzjoni)

(*) Paġna oħra mid-djarju ta' l-awtur dehret fil-ħarġa ta' "Il-Malti" ta' Settembru, 1948. Jekk l-awtur laħaq kiteb djarju sħiħ l-istampa tiegħu tkun ta' ġid kbir għall-istorja soċjali tagħna. —(L-EDITUR).